Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

# The Melite Post

HARĠA SPEĊJALI · IL-GRUPP FILATELIKU TAŻ-ŻEJTUN · MEJJU 2019



Matul din is-sensiela tajna ħarsa lejn l-aktar niċeċ li jqajmu kurżità u interess fi triqat iż-Żejtun. Ma stajnix ninkludu n-niċeċ kollha, peress li s-sensiela kienet tieħu ħafna żmien u barra minn hekk tiġi għolja għall-filatelisti. Nixtieq ngħid li din is-sensiela qajmet kurżitajiet kbar minn diversi nies li jħobbu l-istorja ta' Malta u bis-saħħa tagħha sar aktar apprezzament lejn in-niċeċ taż-Żejtun, fosthom anke mir-residenti stess li għandhom niċċa mad-dar tagħhom u qabel ma kienux jagħtu kas il-valur tagħha. Infatti, fit-28 ta' April flimkien ma' Wirt iż-Żejtun ġiet organizzata mawra madwar in-niċeċ li nsibu fir-Raħal ta' Fuq u r-Raħal ta' Isfel, li attendew għaliha aktar minn 80 ruħ. L-istess ukoll f'Settembru 2018 ġiet imtella' wirja dwar dawn in-niċeċ bħala parti mill-attivitajiet ta' Żejt iż-Żejtun, fiċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġjanat, li żaruha mijiet ta' persuni.

Wara din is-sensiela kien hemm numru sabiħ ta' nies li saqsew għall-ktieb dwar Niċeċ iż-Żejtun, li għalkemm m'hemm xejn attwali nista' ngħid li beda l-proċess biex il-ktieb joħroġ matul din is-sena.

F'din il-ħarġa tajna ħarsa lejn ħames niċeċ uniċi għaż-Żejtun, fejn għandek erba' qaddisin ma ssibhomx f'niċeċ oħra fit-toroq Maltin u l-Madonna taċ-Ċintura li hi unika għall-forma tagħha. Barra minn hekk, fiż-Żejtun insibu xbihat oħrajn uniċi bħal San Girgor.

Niċeċ oħrajn li nsibu fiż-Żejtun huma ta' Santa Marija Assunta, Kristu Salvatur, San Franġisk Saverju, Sant' Antnin, il-Qalb ta' Marija, il-Madonna tar-Rużarju, il-Madonna tad-Dawl, il-Qalb ta' Ġesù, xbieha tal-Fidi u l-Isperanza, l-Ewkaristija, Santu Rokku, San Ġwann Battista, Ġesù Nazzarenu, San Girgor, San Anton Abbati, San Nikola, Ġesù Redentur, San Mikiel, San Lawrenz, Santa Rita, San Franġisk ta' Assisi, u San Ġejtanu.




## NIĊĊA TA' SAN BASKAL TA' BAYLON

Din hi l-unika niċċa f'Malta ta' San Baskal ta' Baylon, li jingħad li jqajjem in-nies fil-ħin. Din in-niċċa għandha forma ta' arkata sempliċi. San Baskal jinsab b'idejh marbutin fejn jidher qed jitlob u libes ċoqqa kannella. L-istatwa tinsab wieqfa fuq bażi kwadra u ċatta.

Fuq lapida taħt in-niċċa nsibu l-iskrizzjoni tal-indulġenzi li taqra: *Monsigr Arciskof ta Malta Dom Mauro Caruana O.S.B.C.C.O.C. b'degriet tal 5 ta Meiiu 1926 jati indulgenza ta 100 giurnata lil min igheid Pater Ave Gloria kuddiem din li statua*.



## NIĊĊA TA' STA. TEREŻA TAL-BAMBIN ĠESÙ

Ix-xbieha ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù hi ta' livell artistiku u hi l-unika xbieha ta' din il-qaddisa fit-toroq Maltin. L-istatwa fuq ħarrieġa mal-Knisja tal-Ispirtu s-Santu saret fuq inizjattiva ta' Dun Nazzarenu Curmi, li jiġi ħu l-fundatriċi tas-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu, Ġużeppina Curmi.

L-iskrizzjoni tal-indulġenza li nsibu maġenb l-istatwa taqra: *Dina il vara ta S. Tereża tal Bambin Gesù giet imbierka mill-Arcisqof Mons. G. Godfrey del. ap. fl-Inghilterra. Dom Mauro Caruana O.S.B. Arcisqof Isqof ta Malta jati 100 jum jnd. Lil min ighid S. Tereża itlob ghalina u harisna. Dekriet 17 Meiiu 1940 (17.V.1940)*



## NIĊĊA TA' SANTA FAWSTINA

Din hi l-unika niċċa f'Malta li turi lil Santa Fawstina, li kienet mart l-Imperatur Massiminu. Fawstina flimkien mal-uffiċjal Porfirju kienu kkonvertew għall-Kristjaneżmu wara li marru jżuru fiċ-ċella lil Santa Katerina.

Din in-niċċa bla dekorazzjoni tinsab maqtugħa fil-ġebla Maltija. Hawnhekk insibu niċċa lixxa, ħlief għall-gwarniċun li nsibu fuq nett u s-saqaf forma ta' arzella. Ix-xbieha tal-qaddisa tixbah l-istatwa tal-istess qaddisa li tintrema fuq iz-zuntier għall-festa taż-Żejtun.



## NIĊĊA TAL-MADONNA TAĊ-ĊINTURA

Fiż-Żejtun konna nsibu qima lejn il-Madonna taċ-Ċintura u din kompliet tikber fl-1747, meta twaqqfet il-Fratellanza b'dan it-titlu. Din ix-xbieha interessanti, hekk kif inhi l-unika statwa taċ-Ċintura bla Bambin f'idejha li nsibu f'Malta. Minflok il-Madonna tidher qed tħaddan iċ-ċintura mqaddsa f'idejha.

Din ix-xbieha, li tinsab f'niċċa għolja kważi sular, ħadet l-indulġenzi mill-Isqof Geatano Pace Forno fit-30 ta' Ottubru, 1860, kif jidher miktub fuq il-lapida li hemm taħt in-niċċa.



## NIĊĊA TAL-PROFETA DANJEL

Din in-niċċa tinsab f'nofs il-faċċata tal-Palazz Aedis Danielis, li nbena mill-ħakem Gregorio Bonici. Il-palazz inbena b'tifkira għal ħuh Danjel, li miet f'età żgħira, b'hekk insibu din l-unika niċċa ta' figura mit-Testment il-Qadim, il-Profeta Danjel.

Taħt in-niċċa nsibu żewġ saljaturi b'figura ta' ljun, is-simbolu tal-Profeta. L-uċuħ tal-iljuni jidhru ukoll mal-bażi tal-istatwa. Fin-nofs hemm l-istemma tal-Isqof Davide Cocco Palmieri, l-Isqof li bierek l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun.

Fuq in-niċċa nsibu s-simbolu tal-Ewkaristija bl-ittri IHS.

## AKKWISTA S-SENSIELA NIĊEĊ IŻ-ŻEJTUN

Niċeċ iż-Żejtun kienet sensiela ta' 25 bolla u kartolina li ħarġu f'5 ħarġiet matul l-2018 u 2019. Il-prezz kien €0.90ċ kull bolla u €0.80ċ kull kartolina.

### ORDNI

**Jekk għandek xi bolol jew kartolini neqsin ċempel lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun fuq 21 663 866 jew liċ-Chairperson tal-Grupp Filateliku, Sean Chircop, fuq 99 203 815, jew ibgħat fuq l-email t'hawn taħt.**

## ABBONA MA'

## THE MELITE POST

Publikatur: **Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

Indirizz: **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun,**

**28, Dar iż-Żwieten, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun**

Kuntatt: Telefon: **2166 3866**

Mobile: **9920 3815**

E-mail: **chircop.sean@gmail.com**